MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 627/2003/1

**Agostino sive Austin Farrugia**

**vs**

**Salvina sive Sally Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Settembru, 2003, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fejn l-attur talab li l-konvenuta thallas is-somma ta' Lm20.50c (ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti s-sehem taghha rispettiv mill-ispejjez kif imsemmija fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn qalet: -

1. illi hija biss il-kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li ghandha l-kompetenza biex tisma u tiddeciedi dwar il-pretensjoni tal-attur.
2. illi l-Avviz tat-Talba huwa rritu u null peress li l-attur qed jitlob li l-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm20.50c (ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) meta l-istess Avviz juri s-somma ta' Lm 367.68c (tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu), u
3. illi l-manteniment iffissat mill-Qorti Civili, Sekond Awla kien jigi assogettat ghall-obbligu da parti tal-konvenuta li tikkontribwixxi ghall-ispejjez riferiti mill-attur, fic-cirkostanzi kollha, li kieku hekk riedet taghmel.

Illi t-Tribunal ezamina l-ewwel eccezzjoni dwar l-inkompetenza ta' dan l-istess Tribunal biex jisma u jiddeciedi dan il-kaz.

Ikkunsidra illi skond Art 3(2) tal-Att V tal-1995 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma u jaqta biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn Lm1,500.00c (elf u hames mitt lira Maltin). Illi din hija talba ghal Lm20.50c (ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) u ghalhekk it-Tribunal ghandha gurisdizzjoni. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza Aquilina Vs Chircop (Appell mit-Tribunal 381/97PS Imhallef Filletti deciz 15/10/1998). Illi f'dik il-kawza saret referenza ghad-dibattitu kondotti fil-Kamra tar-Rappresentanti relativ ghal kwistjoni u ghal fatt li l-Ministru kien qal li "jekk hemm kontemplati xi kumplikazzjonijiet ohra, bhal xi immobbli, dritt ta' kera jew akkumulu ta' affarjiet li tikkontempla l-ligi, t-Tribunal lanqas ghandu gurisdizzjoni". Illi l-konvenuta qalet li billi hemm proceduri quddiem il-Prim Awla in konnessjoni mas-separazzjoni dan it-Tribunal mhux kompetenti. Illi ma hemm xejn fil-ligi f'dan is-sens. Illi fil-kawza quddiem il-Prim Awla ma hemmx talba ghal dan l-ammont ta' flus.

Illi t-Tribunal se jastjeni mit-tieni eccezzjoni tal-konvenut billi sar il-korrezzjoni mehtieg.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda tal-attur u tal-konvenuta.

Ikkunsidra li permess tad-Digriet Nru 1883/2002 l-konvenuta giet awtorizzarta mil-Qorti Civili, Sekond Awla tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali.

Illi mill-provi jirrisulta li kontendenti qeghdin fi process ta' separazzjoni personali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u li *pendente lite* t-tnejn qeghdin jirrisjedu fid-dar matrimonjali.

Illi ghalhekk kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta qeghdin jaghmlu uzu mill-istess servizzi u oggetti fl-istess dar matrimonjali.

Illi l-attur qieghed ihallas lill-konvenuta manteniment ta' Lm60.00c (sittin lira Maltin) fix-xahar. Il-konvenuta ghandha l-obbligu li tikkontribbwixxi ghas-sehem taghha fl-ispejjez li jirrisultaw mill-uzu ta' servizzi u oggetti fid-dar matrimonjali. Illi l-attur qieghed jippretendi Lm18.70c (tmintax-il lira Maltin) rappresentanti nofs il-kont tat-telephone u Lm1.80c (lira Maltija u tmenin centezmu) sehem il-konvenuta mill-ispejjez ghat-tiswija tal-washing machine. Illi l-konvenuta ma cahditx li tuza t-telefone u l-washing machine.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u jikkonkludi li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' Lm20.50c (ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta."

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha in bazi ghall-aggravju illi t-Tribunal adit ma ddecidiex b' mod korrett l-eccezzjoni taghha ta' l-inkompetenza minhabba n-natura tal-materja involuta;

Preordinatament ghall-ezami ta' dan l-aggravju, li jimporta osservazzjonijiet guridici rilevanti, ikun opportun jekk jigu

elenkati l-fatti principali rizultanti mill-inkartament tal-kawza:-

(1) Il-konvenuta pprocediet quddiem is-Sekond' Awla biex din il-Qorti tawtorizzaha tmexxi ghas-separazzjoni personali kontra l-attur zewgha;

(2) Bid-digriet taghha (Numru 1883/2002) dik il-Qorti, oltre li akkordat l-awtorizzazzjoni rikjesta, iffissat il-manteniment ta' sittin lira pagabbli kull xahar lill-mara. Fl-istess waqt iddeklinat milli takkolji t-talba biex ir-ragel jigi sfratt mid-dar konjugali;

(3) Hu accettat mill-kontendenti illi, ottenut il-precitat digriet, il-konvenuta appellanti pprocediet bl-opportuna kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

(4) Hu wkoll terren komuni ghaz-zewg kontendenti illi l-konvenuta baqghet tirrisjedi fil-fond konjugali;

(5) Ir-ragel issa qed jippretendi, bl-azzjoni odjerna, illi martu ghandha tirrizarcih sehma mill-ispejjez minnu erogati ghal hlas tat-*telephone* u tat-tiswija tal-*washing machine*;

It-Tribunal iddetermina li in forza tal-ligi li kkrejatu huwa ghandu l-kompetenza li jezamina t-talba u jiddeciedi dwarha, kif fil-fatt ghamel. Din il-Qorti, filwaqt li ma teskludix li t-Tribunal specjali adit ghandu in forza ta' l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380 il-gurisdizzjoni "biex jisma' u jaqta' t-talbiet kollha ta' flus ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija", b' danakollu ssibha difficli biex taccetta li dan l-istess Tribunal ghandu, fil-fattispeci partikolari ta' dan il-kaz, dik il-kompetenza biex jitratta u jiddeciedi l-materja, hekk migjuba ghall-attenzjoni tieghu, konsiderat l-effetti guridici taghha, kemm procedurali kif ukoll sostantivi;

Ezaminati l-atti processwali u l-principji legali li jghoddu, din il-Qorti tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Tibda qabel xejn biex taghmel ir-riljiev illi fir-regim matrimonjali gdid introdott bl-Att XXI ta' l-1993 il-ligi, oltre li taghmel lill-koppja mizzewga "shab indaqs" titkellem fuq id-dover solidali tal-kontribuzzjoni, sew jekk domestiku jew extra-domestiku, tal-koppja fiz-zewg, b' mod li l-mezzi tal-wiehed u ta' l-iehor huma migjuba flimkien fis-socjeta` familjari ghall-htigijiet komuni. Dan hu hekk precizat fl-Artikolu 3 tal-Kodici Civili. Bil-firda, il-hajja familjari flimkien ma jibqala' ebda effikacja u dan igib fit-tmiem id-dmir tal-kontribuzzjoni, izda mhux ukoll l-obbligu tal-manteniment. Il-konjugi li ma jiddisponix minn redditi adegwati, idur fuq il-konjugi l-iehor ghall-manteniment, taghha jew tieghu u, fl-assenza ta' ftehim, dan jigi ffissat mill-Qorti fi proceduri ta' separazzjoni, jew minghajrhom;

(2) F' dan il-kaz il-konvenuta inizzjat proceduri ta' separazzjoni u talbet ukoll li jigi ffissat lilha l-manteniment. Provvediment dan li l-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja hasbet dwaru, u wiehed ghandu ragonevolment jifhem li fil-konsiderandi taghha dik il-Qorti hadet konjizzjoni, anke jekk forsi mhux b' mod approfondit, tal-mezzi ekonomici taz-zewg konjugi. Huwa veru li specifikament id-digriet ma jsemmi xejn dwar l-ispejjez ta' uzu ta' servizzi fid-dar konjugali u jekk dawn ghandhomx ikunu spartiti jew le, izda dan ma jfisserx illi l-Qorti dawn ma tkunx hadithom in konsiderazzjoni meta giet biex tistabilixxi l-alimenti provvizorji. Jista' wkoll li ma tkunx hadet qies taghhom. Dan pero` ma jfisserx lanqas illi allura l-konjugi ordnat li jhallas il-manteniment jista' unilateralment u bil-volonta` tieghu biss jiddetermina li l-Qorti tkun inkludithom fir-rata stabbilita u li allura l-konjugi l-iehor hu obbligat ghal kontribuzzjoni taghhom. Hu ferm perikoluz li wiehed jikkonsidra l-kwestjoni *sempliciter* u b' mod aridu, minghajr id-dovuta attenzjoni ghall-fatt li hawn si tratta ta' cirkustanzi specjali u delikati li jkun ahjar li jigu trattati u epurati mit-tribunal specjalizzat li hi l-Qorti tal-Familja. *Multo magis*, imbaghad, meta l-kwestjoni gja tressqet quddiemha fil-kawza tas-separazzjoni;

(3) Din il-Qorti ma tarax li tista’ taccetta bhala proposizzjoni gusta u korretta illi l-konjugi paganti ghandu dritt inaqqar mill-manteniment prestabbilit b’ provvediment tal-Qorti billi javvanza quddiem tribunal iehor, u mhux fl-istess azzjoni tas-separazzjoni, pretensjoni ghall-kontribuzzjonijiet perjodici li jinsorgu. Il-materja hi aktar komplessa minn hekk. Hu bil-wisq ovvju, fi kwestjonijiet ta’ din ix-xorta, illi t-tribunal ikollu jezamina jekk il-parti azzjonata tuzufruwix minn fondi sufficcjenti biex taghmel il-kontribuzzjoni rikjesta minnha, u f’ kaz negattiv, li jaghmel ezercizzju komparattiv tal-mezzi ekonomici ta’ kull wiehed u wahda fost il-konjugi. Dan ghal fini li jigi determinat, anke konsiderat l-istat ta’ sahha u dak tal-bzonn, jekk tezistix dik id-disparita` ekonomika li tiggustifika t-talba ghal versament tal-kontribuzzjoni u, fuq kollox, f’ liema mizura. Fil-hsieb tal-Qorti ma jidherx li ezami bhal dan jista’ jsir mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Dan mhux biss in raguni ghal dak appena dedott izda ukoll ghal fatt li l-materja ghandha per forza rabta intrinsika ma’ l-addebitabilita` tas-separazzjoni. U din tirrikjedi valutazzjoni globali u komparattiva ta’ l-imgieba ta’ kull wiehed u wahda mill-konjugi. Materja din li jkun dejjem ahjar li tigi approfondita mill-Qorti fil-kawza proprja tas-separazzjoni;

(4) Din il-Qorti ma tarax ukoll li hu sewwa li l-parti intitolata ghall-alimenti titqieghed fi stat ta’ pregudizzjalita` ghax il-konjugi l-iehor ifettillu li jizvixxera l-kwistjoni mis-sede proprja tas-separazzjoni, iressaqha quddiem tribunal iehor jew qorti ohra, aktar u aktar meta dik il-parti ma tkunx gja, b’ xi digriet tal-qorti, anqas wiehed temporanju, ordnata taghmel dik il-kontribuzzjoni. Kif taraha din il-Qorti l-materja mhux biss hi attratta mill-prodediment tas-separazzjoni izda lanqas ghandha tkun sottratta mill-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili, Prim' Awla, li tkun qed tiddelibera l-firda u l-incidenti kollha sorti f’ dak l-istess gudizzju istitwit;

(5) Huwa veru li meta l-Qorti Sekond’ Awla ma ordnatx l-isfratt forzuz, u l-koppja baqghet tabita fl-istess dar konjugali, dan l-istat ta’ fatt jincidi fuq ir-rapport

patrimonjali ta’ bejniethom b’ tali mod li l-konvenuta appellanti tibqa’ obbligata tikkontribwixxi mhux bhala parti fiz-zwieg imma bhala parti interessata fi stat ta’ kommunanza. Din il-materja ma tistax pero` tigi ttrattata izolatament mill-konsiderazzjoni ta’ l-ammont tal-manteniment iffissat. Manteniment li sal-pronunzjament finali jibqa’ wiehed ta’ natura provvizorju u temporanju, *pendente causa* u *rebus sic stantibus*. Materja din li min-natura stess taghha, kif gja rilevat, ikun aktar xieraq, in kwantu tipprezenta aspetti guridici partikulari, li tibqa’ fl-isfera ta’ gurisdizzjoni tal-qorti adita mill-kawza tas-separazzjoni biex proprju hemm tigi ezawrjentement diskussa u deciza. Jidher li f’ kazijiet simili minn dejjem kienet din il-prattika tal-Qrati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost mill-konvenuta, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li minhabba n-natura tal-materja nvoluta u tal-procediment tas-separazzjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma huwiex il-forum kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba avvanzata mill-attur. Konsegwentement qed tichad din l-istess talba. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji jibqghu sopportati fi kwoti ndaqs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------